Kunsill Lokali Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Erbgħa, 27 t'Awwissu 2025. Il-Laqgħa bdiet 16:30.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Jeanelle Attard – Kunsilliera

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Josef Charles Hili – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

SR MM

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqrat l-imejl ta'appoloġija tal-Kunsillier Josef Charles Hili.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 22 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**23.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku tagħat ħarsa ġenerali fuq:

*Il-Belveder tal-Barmil:*

Is-Sindku bdiet billi semmiet is-sitwazzjoni li hemm preżenti fil-Belveder tal-Barmil. Id-dwal preżentament jinsabu mwaħħlin mal-faċċata tad-djar. Fil-passat kien hemm pjan li jinqalgħu u s-servizzi tal-provista tad-dawl jitgħaddew minn taħt it-triq. Biex dan isir hemm spiża t'ammont sustanzjali.

Il-Viċi-Sindku Paul Azzopardi tenna li dan il-proġett kien tal-Kunsill u li l-perit fuq dan il-proġett kien Shaun Micallef, fi żmien meta is-Sur Hubert Saliba kien Sindku l-Kunsill kien kellem lill-Ministeru għall-Għawdex għal għajnuna pero' minn dak iż-żmien il-hawn ma kien sar xejn.

Is-Sindku qalet li din hi l-unika soluzzjoni li qed tagħti l-Enemalta u hi ser tibqa tiġġieled biex din l-ispiża ma' jidħolx għaliha il-Kunsill.

Is-Sindku semmiet ukoll il-ħitan tas-sejjieħ li hemm f'dan is-sit, dan waqgħu u reggħu nbnew mill-ġdid.

*Second class water:*

Is-Sindku qalet li f'dan l-istess sit suppost kienet ser tingħata l-provista ta' second class water, fil-fatt is-sistemi għall-ilma huma mgħoddija kollha pero' dan ma ġiex aċċettat mill-Ministeru għall-Għawdex.

*CCTV:*

Is-Sindku semmiet il-problema li hemm bħalissa f'tal-Boqqari minħabba inġenji kbar li qed igħaddu minn hemm. Hija ssuġġerriet li teħel CCTV camera kif kienu twaħħlu fil-pjazza sabiex jitnaqqas l-ammont ta' inġenji li qed igħaddu minn hemm u jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti ta' l-inħawi.

*Jum ix-Xewkija:*

Is-Sindku proponiet li għal din l-attivita' jinxtraw it-tazzi għat-tournament tal-boċċi, sar qbil unanimu fuq dan ir-rigward.

### 23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Il-Viċi-Sindku Paul Azzopardi staqsa x'inhi s-sitwazzjoni fuq Triq il-Lewż u għaliex dan id-dewmien kollu biex titranġa din it-triq. Is-Sindku qalet li tkellmet fuq din it-triq mas- sinjura Vicky Xuereb pero bħalissa mhemmx riżorsi umani biex din it-triq issir.

Sadanintant is-Sindku qalet ukoll li jistgħu jiġu nstallati CCTV cameras pero' ma jkunux mwaħħlin mas-sistema tal-LESA sakemm titranġa it-triq tal-Lewż.

Is-Sindku tenniet li hemm l-istess problema fi Triq San Pupulju. Is-Sindku ssuġġerriet li l-Kunsill ikellem lis-Sindku ta' Sannat Phillip Vella u flimkien jagħmlu laqgħa il-Ministeru fuq din is-sitwazzjoni.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li tal-kors tal-bizzilla jixtiequ jagħmlu aktar lezzjonijiet. Ġie maqbul unaninament li dan il-kors jerġa' jiġġedded għall tmien ġimgħat oħra bi ħlas ta €35.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet ukoll li issoltu ssir ċerimonja fejn dawk kollha li attendew għall-korsijiet jiġu mogħtija ċertifikat ta' parteċipazzjoni.

Ġie deċiż li din għandha ssir fis-19 ta' Settembru. Is-Seg Eżekuttiv għandha tiehu ħsieb il-preparamenti għall-din l-attivita.

Is-Sindku Simona Refalo ssuġġerriet li din l-attivita ssir il-Mitħna. Is-Seg Eżekuttiv għandha tiċċekkja tistax issir hemm f'dik il-ġurnata.

Is-Sindku semmiet iż-żjara li ser issir għand l-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta u qalet lis-Seg Eżekuttiv nistgħux niċċekjaw biex il-quddies ma ssirx għaliex il-grupp li sejjer irid jitlaq ħafna kmieni minn Għawdex.

Is-Seg Eżekuttiv għandha tagħmel l-arranġamenti sabiex isir avviż fuq Facebook u l-bulettin.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet li meta jsir xiri ta' oġġetti jew servizzi u jinġabru l-kwotazzjonijiet dawn għandhom jgħaddu fil-laqgħa tal-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-Seg Eżekuttiv għandha tiċċekja l-proċedura kif inhi eżatt mad-DLG.

Il-Viċi-Sindku fakkar li għandha tintbagħat imejl lis-sinjura Vicky Xuereb fuq proposta ta' spazju miftuħ fl-inħawi ta' Trejqa taċ-Ċnus, Triq Majmuna u Trejqa tal-Barrieri. Is-Seg Eżekkuttiv għandha tagħmel dan.

### 23.5 Tender: Trasport ta' l-iskola;

Ġie maqbul unanimamament li għandu jinħareġ tender għat-trasport tat-tfal ta' l-iskola. Is-Seg Eżekuttiv għandha tikkuntatja lil The Ladder Consultancy sabiex joħroġ it-tender. Sar qbil li jintalab li jkun hemm xufier extra sabiex it-trasport ikun provdut fi kwalunkwe każ. Il-vettura trid tkun addattata għal min jagħmel użu mis-siġġu tar-roti u importanti li t-tfal jinġabru fil-ħin sabiex jaslu l-iskola u wara l-iskola jinġabru d-dar fil-ħin.

Għandha tingħabar lista tat-tfal mill-uffiċċju tal-Kunsill ta' dawk kollha li ser jużaw dan it-trasport u l-ħlas ser ikun l-istess bħas-snin preċedenti.

Il-Kunsillier George Zammit ma qabilx ma' dan u qal li it-trasport għandu jkun b'xejn għar-residenti tar-raħal. Kemm is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard ma qablux ma' dan għaliex l-ispiża għall-kunsill hija kbira u t-trasport għar-residenti huwa ta' €40 għall kull term jekk jingħabru filgħodu u filgħaxija.

Is-Sindku staqsiet jekk min għandu aktar minn student wieħed il-ħlas għandux ikun l-istess. Sar qbil unanimu li l-ħlas għandu jsir għal kull student.

Sar qbil minn dawk kollha preżenti li l-Board tat-Tender għandu jkun magħmul mill-Avukat Jonathan Mintoff, is-sinjura Heidi Grech u s-sinjura Elaine Zammit Haber.

Is-Sindku semmiet li fis-sena preċedenti kien sar arranġament mal-Ministeru u kien sar qbil li jingħata rimbors ta' ċertu ammont ta' l-ispiza tat-trasport. Is-Seg Eżekuttiv għandha tiċċekja jistax jerġa jsir l-istess arranġament għal din is-sena skolastika.

### 23.6 Ambaxxatur taż-Żagħżagħ;

Il-Kunsill jifraħ liż-Żagħżugħa brava Keira Mae Axiaq Demicoli li ntagħżlet bħalha l-Ambaxxatur taż-żagħżagh għal din is-sena.

### 23.7 Ismijiet tat-toroq;

Is-Seg Eżekuttiv spjegat li saret laqgħa mal-kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq fejn dawn għarfuha li hemm xi toroq iridu jissemmew peress li dieħla sistema ta' numbering tad-djar fil-gżejjer.

- Triq il-Loġġa qatt ma saret applikazzjoni uffiċċjali u għalhekk għandha ssir waħda, kulħadd qabel,

- Il-Belveder ta' bejn Triq San Leonardo u Triq San Anard ġie deċiż minn dawk preżenti li jissemma Belveder tal-Warda,

- It-Triq ta' Xħajma trid issir applikazzjoni bħalha 'continuation' u minnflok Ta' Ħamet

- It-Trejqa li tmiss ma' Triq l-Imġarr u Triq tal-Embiel (quddiem tal-ġrejden) għandha tissemma Triq Maria Grech (Ta' Bejża), il-Viċi-Sindku għandu jibgħat il-kuntatt tas-Sur John Grech sabiex jikteb bijografija qasira fuq Maria Grech,

- It-Triq li tmiss ma' Triq Ċanga u tgħaddi minn Triq Mikelanġ S u Triq Sansun, għandha tissemmha Triq Frenċ Farruġia, il-Kunsilliera Jeanelle Attard għandha tipprovdi l-kuntatt tas-sinjura Grace Camilleri sabiex tkun tista tikteb bijografija żgħira fuq Frenċ Farruġia.

### 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;

L-iskeda tal-pagamenti 08/2025 ġiet approvata u ffirmatha.

**23.9 Korrispondenza u Ilmenti;**

- Ċirkulari AKL 2025/046 Manutenzjoni ta' Defibrillaturi Awtomatiċi Esterni

- Invit għall-Ikla tal-Martirju

- Talba għall-calming measures fi Triq il-Ħorob

- Talba għal-aktar bins fi Triq Jean de La Vallette

- Talba għall-sponsor għall festival Levant minn naħa tal-Kumitat Ċentrali, ġie maqbul li jingħata sponsor sa €1000.

- Konferma tal-laqgħa mall-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta

- Talba għall-No Parking fi Triq San Pubbliju

- Talba għal dog signs Triq l-Arċipriet Grech

- Talba biex jitranġa l-ħajt ta' Triq il-Barmil

- Talba biex isiru double yellow lines fi Triq Majmuna – issir talba MGOZ

- Talba għal disabled parking fi Triq il-Ħamrija

- Talba biex isiru żewġ bankijiet fi Triq Sansun, għandhom jinġabu tnejn mill-playing field tal-Barmil

- Talba biex issir bankina fi Triq il-Ħelsien – napplikaw MGOZ

- Talba għall double yellow line mal-kantuniera fejn hemm Pawlu's Ironmongery

- Talba biex tinbidel it-tabella tal-qanfud fi triq is-Salib

- Ilment fuq Triq tal-Ħniena hemm bżonn it-tarmac

- Ilment triq Torri Tingi biex isir patching

**23.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għal-Ħamis 18 ta' Settembru 2025 fl-16:30

Kkonfermati llum 18 ta' Settembru 2025

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv